TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 240/13-F

**Marion Busuttil**

**vs**

**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 1 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 t'Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija u wieħed u sebgħin ewro (€371), rappreżentanti prezz ta' libsa tal-preċett.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet il-libsa għand is-soċjeta' ntimata sabiex isirilha l-proċess ta' *dry cleaning* u wara li sar il-proċess, it-top tal-libsa iffejdja bil-konsegwenza li l-libsa ma tistax tintuża aktar.

L-intimat issottometta illi t-tort ma kienx tiegħu għaliex kieku kienet tiffejdja l-libsa kollha u mhux il-biċċa ta' fuq biss, u għaldaqstant mhu dovut iħallas xejn u *di piu* l-ammont li huwa mitlub, huwa esaġerat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u spezzjona l-libsa, jinnota illi t-top tal-libsa iffejdja u tilef il-kulur tant li ma tistax tintuża aktar. It-Tribunal jiddikjara li t-tort huwa esklussivament tad-*dry cleaning* stante li anke jekk kien hemm xi difett, imissu nduna bih qabel ma sar id-*dry cleaning*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200), u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888